MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 167/1997/1

.Gorg Borg .

vs

Carmel Caruana .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-fond bl-isem 'Columbia', Triq Cardinal Alessandro Franchi, Fontana, Ghawdex proprjeta' tal-attur qieghed igarrab hsarat sostanzjali minhabba ilma li jidhol mill-fond kontigwu proprjeta' tal-konvenut li jgib l-isem 'La Perla', u jinsab fl-istess triq ;

Illi l-attur talab lill-konvenut diversi drabi sabiex inehhi l-kawza tal-istess hsarat izda dejjem baqa' inadempjenti .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni kawzati mill-hsarat fil-fond tal-attur fuq indikati .

2. Tillikwida somma bhala hlas tal-istess danni .

3. Tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati .

4. Tikkundannah jaghmel ix-xoghlijiet necessarji sabiex ma jsirux iktar hsarat lill-fond tal-attur u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss .

5. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel l-istess xoghlijiet huwa, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi u a spejjez tal-konvenut .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-ghaxra ta' Mejju elf disa' mija u sebgha u disghin (10-5-1997)(dokument A) u dik ufficjali tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu elf disa' mija sebgha u disghin (1997), Dokument B, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi in linea preliminari, il-gudizzju mhux integru stante illi l-fond "La Perla" mhux proprjeta' tal-esponenti wahdu izda huwa wkoll ta' martu Pauline Caruana, u kwindi jehtieg illi din tigi wkoll citata in gudizzju ;

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi mhux veru illi qieghed jidhol xi ilma mill-fond tal-esponenti ghal dak tal-attur, jew illi qeghda tigi kagunata xi hsara lill-bini tal-attur mill-bini tal-esponenti .

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni u t-tielet talbiet tal-attur, kif formulati ma jistghux jigu milqugha stante illi anke jekk, ghall-grazzja tal-argument tezisti xi hsara fil-fond tal-attur provenjenti mill-fond tal-eccipjenti, l-attur ghandu biss id-dritt jitlob illi tigi riparata din il-hsara u mhux jitlob "hlas tal-istess danni" ;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-citazzjoni ta' l-istess konvenut u martu li permezz taghha, wara li ppremettew illi :

Illi l-konvenut, flimkien ma' martu, irid jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni prezentata mill-attur sabiex jipprezenta l-kontro talba tieghu ;

Illi l-fond ta' Carmel u Pauline Caruana "La Perla", Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, Fontana, qieghed igarrab hsara sostanzjali minhabba ilma illi l-attur Gorg Borg qieghed volontarjament ihalli jiskula mill-fond proprjeta' tieghu, bl-isem "Columbia", fl-istess triq ;

Illi inoltre l-attur qieghed ihalli tingemgha hamrija mal-hajt divizorju bejn il-gonna tal-kontendenti, b'tali mod u manjiera illi dan il-hajt qieghed igarrab hsarat konsiderevoli u qieghed fil-perikolu illi jaqa' ghal gol-proprjeta' tal-konvenuti :

Illi minkejja illi l-attur gie interpellat sabiex inehhi il-kagun ta' dawn il-hsarat huwa baqa' dejjem inadempjenti .

Talbu lill-attur jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarak responsabbli ghad-danni kawzati lill-proprjeta' tal-konjugi Caruana u lill-hajt divizorju bejn il-proprjetajiet rispettivi ;

2. Tikkundannak sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilek prefiss, inti taghmel ix-xoghlijiet

necessarji sabiex ma jsirux aktar hsarat lill-fond tal-konjugi Caruana, u sabiex tigi riparata l-hsara illi gia giet kagunata ;

3. Fin-nuqqas tieghek illi twettaq dawn ix-xoghlijiet, il-konjugi Caruana jigu awtorizzati illi jwettqu l-istess xoghlijiet huma a spejjez tieghek, okkokrrendo that id-direzzjoni ta’ periti nominandi .

Bl-ispejjez kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Carmel Caruana .

Rat ir-riferta pozittiva ta' l-attur li gie notifikat b'din il kontro-talba fit-12 ta' Settembru 1997 .

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' Novembru 1997 fejn innominat lill-A.I.C. Edward Scerri bhala perit tekniku sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet maghmula f'din il-kawza .

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' April 2004 fejn, billi l-attur naqas li jhallas ghar-rapport tal-perit tekniku, wara li gie avzat biex jaghmel hekk diversi drabi, ikkancellat il-kawza tieghu minn fuq il-lista .

Rat il-kapitoli ghas-subizzjoni ta' l-attur, li gew ipprezentati mill-konvenut fl-isetss gurnata tas-6 ta' April 2004, u dan wara li l-attur naqas li jidher ghall-udjenza sussegwenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Rat il-verbal taghha ta' l-22 ta' Gunju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Billi, kif gia nghad, ic-citazzjoni principali giet kancellata, baqa' biss x'tigi kunsidrata il-kontro-talba tal-konvenut u martu . Il-kapitoli ghas-subizzjoni ta' l-attur pprezentati

mill-konjugi Caruana, nfethu fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2004, billi dakinhar l-attur naqas li jattendi, u ghalhekk skond il-ligi, dawn gew dikjarati ammessi .

Ghalhekk u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddecidi billi tilqa' t-talbiet maghmula f'din il-kontro-citazzjoni tal-konjugi Caruana u :

1. tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni kawzati lill-proprjeta' tal-konjugi Caruana u lill-hajt divizorju bejn il-proprjetajiet rispettivi ;
2. tikkundannah sabiex zmien xahar mill-lum jaghmel ix-xoghlijiet necessarji sabiex ma jsirux aktar hsarat lill-fond tal-konjugi Caruana u sabiex tigi riparata l-hsara li gia giet kagunata ;

3. fin-nuqqas li l-attur iwettaq dawn ix-xoghlijiet fiz-zmien hawn koncess, tawtorizza lill-konvenuti jwettqu huma l-istess xoghlijiet a spejjez tieghu, u taht id-direzzjoni ta' l-A.I.C. Edward Sceeri li qed jigi nominat ghal dan il-fini .

Bl-ispejjez ta' din il-kontro-citazzjoni kontra l-attur .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------